*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 17,574, 30 ta' April, 2004*
*Taqsima B*

**A.L. 215 ta' l-2004**

**ATT DWAR IS-SIGURTÀ FL-IKEL**
**(KAP. 449)**

**Regolamenti ta' l-2004 dwar Ħalib Ippriżervat**

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 10 ta' l-Att dwar is-Sigurtà fl-Ikel, il-Ministru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

**1.** Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejjħu r-Regolamenti ta' l-2004 dwar Ħalib Ippriżervat. Isem u dħul fis-seħħ

1.1 Dawn ir-regolamenti jimplimentaw il-provvedimenti tad-Direttiva tal-Kunsill 2001/114/EEC dwar ċertu ħalib ippriżervat parzjalment jew totalment imnixxef intiż għal konsum mill-bniedem.

**2.** Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Mejju, 2004 iżda:

2.1 prodotti li jaqgħu taħt l-iskop ta' dawn ir-regolamenti u li ma jikkonformawx ma' dawn ir-regolamenti, iżda li jikkonformaw mal-provvedimenti tal-Preserved Milk Regulations, 2002 (A.L. 15 ta' l-2002), jistgħu jitqegħdu fis-suq sas-17 ta' Lulju, 2004;

2.2 prodotti li jaqgħu taħt l-iskop ta' dawn ir-regolamenti u li ma jikkonformawx ma' dawn ir-regolamenti, iżda li jikkonformaw mal-provvedimenti tal- Preserved Milk Regulations, 2002 (L.N. 15 ta' l-2002), u li twaħħlet tikketta fuqhom qabel is-17 ta' Lulju 2004, jistgħu jkomplu jinbiegħu sakemm jiġu eżawriti l-ħażniet.

**3.1** Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għal ħalib ippriżervat parzjalment jew kompletament imnixxef mfissra fl-Ewwel Skeda. Applikabilità

3.2 Dawn ir-regolamenti ma għandhomx jipprekludu l-possibilità taż-żieda ta' vitamini mal-prodotti mfissra fl-Ewwel Skeda.

Twaħħil ta' Tikketti fuq Prodotti

**4.1** Ir-Regolamenti ta' l-2002 dwar Twaħħil ta' Tikketti, Preżentazzjoni u Riklamar ta' Oġġetti ta' l-Ikel għandhom japplikaw għall-prodotti msemmija fl-Ewwel Skeda, taħt il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) L-ismijiet ta' prodotti msemmija fl-Ewwel Skeda għandhom japplikaw biss għall-prodotti hemmhekk msemmija u għandhom, mingħajr ħsara għal subparagrafu (b), jintużaw fil-kummerċ bħala ismijiet ta' dawn il-prodotti;

(b) bħala alternattiva għall-ismijiet ta' prodotti msemmija f'subparagrafu (a), it-Tieni Skeda tagħti lista ta' ismijiet partikolari. Dawn l-ismijiet jistgħu jintużaw fl-ilsien u taħt il-kundizzjonijiet msemmija fit-Tieni Skeda.

4.2 It-tikketta għandu jkollha fuqha il-persentaġġ ta' xaħam tal-ħalib, espress bħala piż fil-prodott lest, ħlief fil-każ tal-prodotti msemmija f' punti (1) (d), (g) u 2(d) ta' l-Ewwel Skeda, u l-persentaġġ ta' estratt imnixxef tal-ħalib ħieles mix-xaħam fil-każ tal-prodotti msemmija f'punt (1) ta' l-Ewwel Skeda. Din l-informazzjoni għandha tidher viċin l-isem kummerċjali.

4.3 Fil-każ tal-prodotti msemmija f' punt (2) ta' l-Ewwel Skeda, it-tikketta għandu jkollha fuqha rakkomandazzjonijiet dwar il-metodu ta' kif għandu jiġi dilwit jew rikostitwit il-prodott, inklużi dettalji dwar il-kontenut ta' xaħam tal-prodott meta hekk dilwit jew rikostitwit.

4.4 Fejn prodotti li jiżnu anqas minn 20 g kull unità huma ppakkjati flimkien, id-dettalji meħtieġa minn dan ir-regolament għandhom għalfejn jidhru biss fuq il-pakkett ta' barra, ħlief għall-isem meħtieġ minn punt 1(a).

4.5 It-tikketta tal-prodotti msemmija f' punt (2) ta' l-Ewwel Skeda għandha jkollha fuqha dikjarazzjoni li l-prodott' m' huwiex intiż bħala ikel għal trabi taħt it-12 il-xahar' .

## L-EWWEL SKEDA

### Definizzjonijiet ta' Prodotti u Ismijiet ta' Prodotti

### 1. Ħalib parzjalment imnixxef

Dan ifisser il-prodott likwidu, kemm jekk magħmul ħelu kemm jekk le, meħud direttament permezz tat-tneħħija parzjali tal-ilma mill-ħalib, minn ħalib totalment jew parzjalment xkumat jew minn taħlita ta' dawn il-prodotti, li jistgħu jkollhom miżjuda magħhom krema jew ħalib totalment imnixxef jew it-tnejn, biż-żieda ta' ħalib totalment imnixxef ma għandhiex taqbeż, fil-prodotti lesti, 25 % tas-solidi totali tal-ħalib.

**- Forom ta' ħalib ikkonċentrat mingħajr zokkor miżjud**

(a) *Ħalib ikkonċentrat b' kontenut għoli ta' xaħam*
Ħalib parzjalment imnixxef li fih, skond il-piż, mhux anqas minn 15 % xaħam, u mhux anqas minn 26.5 % solidi totali tal-ħalib.

(b) *Ħalib ikkonċentrat*
Ħalib parzjalment imnixxef li fih, skond il-piż, mhux anqas minn 7.5 % xaħam, u mhux anqas minn 25 % solidi totali tal-ħalib.

(ċ) *Ħalib ikkonċentrat, parzjalment xkumat*
Ħalib parzjalment imnixxef li fih, skond il-piż, mhux anqas minn 1 % u anqas minn 7.5 % xaħam, u mhux anqas minn 20 % solidi totali tal-ħalib.

(d) *Ħalib ikkonċentrat xkumat*
Ħalib parzjalment imnixxef li fih, skond il-piż, mhux aktar minn 1 % xaħam, u mhux anqas minn 20 % solidi totali tal-ħalib.

**- Forom ta' ħalib ikkonċentrat miżjud biz-zokkor**

(e) *Ħalib ikkonċentrat miżjud biz-zokkor*
Ħalib parzjalment imnixxef b' żieda ta' sakkarożju (zokkor mhux raffinat, zokkor abjad jew zokkor raffinat ħafna) u li fih, skond il-piż, mhux anqas minn 8 % xaħam u mhux anqas minn 28 % solidi totali tal-ħalib.

(f) *Ħalib ikkonċentrat parzjalment xkumat miżjud biz-zokkor*
Ħalib parzjalment imnixxef b' żieda ta' sakkarożju (zokkor mhux raffinat, zokkor abjad jew zokkor raffinat ħafna) u li fih, skond il-piż, mhux anqas minn 1 % xaħam u mhux anqas minn 24 % solidi totali tal-ħalib.

(g) *Ħalib ikkonċentrat xkumat miżjud biz-zokkor*
Ħalib parzjalment imnixxef b' żieda ta' sakkarożju (zokkor mhux raffinat, zokkor abjad jew zokkor raffinat ħafna) u li fih, skond il-piż, mhux aktar minn 1 % xaħam u mhux anqas minn 24 % solidi totali tal-ħalib.

**2. Ħalib totalment imnixxef**

Dan ifisser il-prodott solidu, fejn il-kontenut ta' ilma ma jaqbiżx 5 % skond il-piż fil-prodott lest, u li hu meħud direttament permezz tat-tneħħija tal-ilma mill-ħalib, minn ħalib totalment jew parzjalment xkumat, minn krema jew minn taħlita ta' dawn il-prodotti.

(a) *Ħalib imnixxef b' kontenut għoli ta' xaħam jew trab tal-ħalib b' kontenut għoli ta' xaħam*
Ħalib imnixxef li fih, skond il-piż, mhux anqas minn 42 % xaħam.

(b) *Ħalib sħiħ imnixxef jew trab tal-ħalib sħiħ*
Ħalib imnixxef li fih, skond il-piż, mhux anqas minn 26 % u anqas minn 42 % xaħam.

(ċ) *Ħalib imnixxef parzjalment xkumat jew trab tal-ħalib parzjalment xkumat*
Ħalib imnixxef li fih, skond il-piż, aktar minn 1.5 % u anqas minn 26 % xaħam.

(d) *Ħalib xkumat imnixxef jew trab tal-ħalib xkumat*
Ħalib imnixxef li fih, skond il-piż, mhux aktar minn 1.5 % xaħam.

**3. Trattamenti**

(a) Kwantità addizzjonali ta' lattożju mhux aktar minn 0.03 % skond il-piż, tal-prodott lest hija awtorizzata għall-manifattura tal-prodotti msemmija f'1(e) sa (g).

(b) Mingħajr ħsara għad-Direttiva 92/46/EEC ta' 16 ta' Ġunju 1992 li tagħti r-regoli sanitarji għall-produzzjoni u t-tqegħid fuq is-suq ta' ħalib nej, ħalib imsaħħan u prodotti ġejjin mill-ħalib, il-prizervazzjoni tal-prodotti msemmija f'1 u 2 għandha tintlaħaq:

- permezz ta' trattament bis-sħana (sterilizazzjoni, UHT, eċċ), għall-prodotti msemmija f'1(a) sa (d),
- permezz taż-żieda tas-sakkarożju, għall-prodotti msemmija f' 1(e) sa (g),
- permezz tat-tnixxif, għall-prodotti msemmija f'2.

**4. Żiediet awtorizzati**

Skond ir-regolament 3(2), iż-żieda ta' vitamini hija awtorizzata fil-każ tal-prodotti msemmija f' din l-Iskeda, bla ħsara għar-Regolamenti ta' l-1998 dwar l-Ittikkettjar b'Tagħrif Nutrittiv fuq Oġġetti ta' l-Ikel.

IT-TIENI SKEDA

**Ismijiet partikolari għal ċerti prodotti msemmija fl-Ewwel Skeda**

(a) L-isem bl-Ingliż *evaporated milk* ifisser il-prodott imsemmi f'punt (1)(b) ta' l-Ewwel Skeda u li fih, skond il-piż, ta' l-anqas 9 % xaħam u 31 % solidi totali tal-ħalib, b'dan iżda, illi, fil-każ ta' prodotti intiżi għas-suq Malti, dan l-isem jista' wkoll jintuża bħala sinonimu għal ħalib ikkonċentrat mingħajr zokkor miżjud', ikkwalifikat bi kliem ieħor xieraq li jirreferi għall-kontenut imnaqqas ta' xaħam tiegħu, skond il-każ.

(b) L-ismijiet bl-Ingliż *semi-skimmed milk powder* jew *dried semi-skimmed milk* ifissru l-prodott li hemm definizzjoni tiegħu f'punt (2)(c) ta' l-Ewwel Skeda b'kontenut ta' xaħam ta' bejn 14 % u 16 %.

**L.N. 215 of 2004**

**FOOD SAFETY ACT**
**(CAP. 449)**

**Preserved Milk Regulations, 2004**

IN exercise of the powers conferred by article 10 of the Food Safety Act, the Minister of Health, the Elderly and Community Care has made the following regulations:-

Citation and coming into force.

**1.** The title of these regulations is the Preserved Milk Regulations, 2004.

1.1 These regulations implement the provisions of Council Directive 2001/114/EEC relating to certain partly or wholly dehydrated preserved milk for human consumption.

**2.** These regulations shall come into force on 1st May, 2004 provided that:

2.1 products falling within the scope of these regulations which do not conform with these regulations but which conform with the provisions of the Preserved Milk Regulations (L.N. 15 of 2002), may be placed on the market until the 17th July 2004;

2.2 products falling within the scope of these regulations which do not conform with these regulations but which conform with the provisions of the Preserved Milk Regulations (L.N. 15 of 2002), and which were labelled before the 17th July 2004, may continue to be marketed until stocks are exhausted.

Applicability

**3.1** These regulations shall apply to partly or wholly dehydrated preserved milk defined in the First Schedule.

3.2 These regulations shall not preclude the possibility of the addition of vitamins to the products defined in the First Schedule.

Labelling of Products

**4.1** The Labelling, Presentation and Advertising of Foodstuffs Regulations, 2002, shall apply to the products defined in the First Schedule, subject to the following conditions.

4.1.1 (a) The product names listed in the First Schedule shall apply only to the products referred to therein and shall, without prejudice to subparagraph (b), be used in trade to designate them;

(b) as an alternative to the product names referred to in subparagraph (a), the Second Schedule provides a list of particular designations. These designations may be used in the language and under the conditions laid down in the Second Schedule.

4.1.2 The labelling must state the percentage of milk fat, expressed by weight in relation to the finished product, except in the case of the products defined in points (1)(d), (g) and (2)(d) of the First Schedule, and the percentage of fat-free dried milk extract in the case of the products defined in point (1) of the First Schedule. These particulars shall appear near the trade name.

In the case of the products defined in point (2) of the First Schedule, the label must state the recommendations as to the method of dilution or reconstitution, including details of the fat content of the product thus diluted or reconstituted.

Where products weighing less than 20 g per unit are packed in an outer packaging, the particulars required by this regulation need appear on the outer packaging only, except for the designation required by point 1(a).

4.1.5 The labelling of the products defined in point (2) of the First Schedule shall state that the product is ‘not intended as a food for infants under 12 months’.

FIRST SCHEDULE

**Definitions of Products and Product Names**

**1. Partly dehydrated milk**

This means the liquid product, whether or not sweetened, obtained directly by the partial removal of water from milk, from wholly or partly skimmed milk or from a mixture of these products, which may have an admixture of cream or of wholly dehydrated milk or both, the addition of wholly dehydrated milk not to exceed, in the finished products, 25 % of total milk solids.

**- Types of unsweetened condensed milk**

(a) *Condensed high-fat milk*
Partly dehydrated milk containing, by weight, not less than 15 % fat, and not less than 26.5 % total milk solids.

(b) *Condensed milk*
Partly dehydrated milk containing, by weight, not less than 7.5 % fat and not less than 25 % total milk solids.

(c) *Condensed, partly skimmed milk*
Partly dehydrated milk containing, by weight, not less than 1 % and less than 7.5 % fat, and not less than 20 % total milk solids.

(d) *Condensed skimmed milk*
Partly dehydrated milk containing, by weight, not more than 1 % fat and not less than 20 % total milk solids.

**- Types of sweetened condensed milk**

(e) *Sweetened condensed milk*
Partly dehydrated milk with an admixture of sucrose (semi-white sugar, white sugar or extra-white sugar) and containing, by weight, not less than 8 % fat and not less than 28 % total milk solids.

(f) *Sweetened condensed, partly skimmed milk*
Partly dehydrated milk with an admixture of sucrose (semi-white sugar, white sugar or extra-white sugar) and containing, by weight, not less than 1 % and less than 8 % fat, and not less than 24 % total milk solids.

(g) *Sweetened condensed skimmed milk*
Partly dehydrated milk with an admixture of sucrose (semi-white sugar, white sugar or extra-white sugar) and containing, by weight, not more than 1 % fat and not less than 24 % total milk solids.

**2. Totally dehydrated milk**

This means the solid product, where the water content does not exceed 5 % by weight of the finished product, obtained directly by the removal of water from milk, from wholly or partly skimmed milk, from cream or from a mixture of these products.

(a) *Dried high-fat milk or high-fat milk powder*
Dehydrated milk containing, by weight, not less than 42 % fat.

(b) *Dried whole milk or whole milk powder*
Dehydrated milk containing, by weight, not less than 26 % and less than 42 % fat.

(c) *Dried partly skimmed milk or partly skimmed-milk powder*
Dehydrated milk with a fat content of more than 1,5 % and less than 26 % by weight.

(d) *Dried skimmed milk or skimmed-milk powder*
Dehydrated milk containing, by weight, not more than 1,5 % fat.

**3. Treatments**

(a) An additional quantity of lactose not greater than 0,03 % by weight of the finished product is authorised for the manufacture of the products defined in 1(e) to (g).

(b) Without prejudice to Directive 92/46/EEC of 16 June 1992 laying down the health rules for the production and placing on the market of raw milk, heat-treated milk and milk-based products, the preservation of the products referred to in 1 and 2 shall be achieved:

- by heat-treatment (sterilisation, UHT, etc.), for the products referred to in 1(a) to (d),
- by the addition of sucrose, for the products referred to in 1(e) to (g),
- by dehydration, for the products referred to in 2.

**4. Authorised additions**

Pursuant to regulation 3.2, the addition of vitamins is authorised in the case of the products referred to in this Schedule, subject to the Nutrition Labelling Regulations for Foodstuffs, 1998.

SECOND SCHEDULE

**Particular designations for certain products listed in the First Schedule**

(a) The English term ‘evaporated milk’ means the product defined in point (1)(b) of the First Schedule containing, by weight, at least 9 % fat and 31 % total milk solids, provided, however, that, in the case of products intended for the Maltese market, this term may also be used as a synonym for ‘unsweetened condensed milk’, qualified by suitable designations referring to its reduced fat content, where appropriate.

(b) The English terms ‘semi-skimmed milk powder’ or ‘dried semi-skimmed milk’ mean the product defined in point (2)(c) of the First Schedule with a fat content of between 14 % and 16 %.

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugh fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*
Prezz 20ċ – *Price 20c*